IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2014
COM(2014) 577 final

ANNEX 1

ANNESSI

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru.../2014
li
temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

għall-

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fi Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet
(programm Copernicus)

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE nru.../2014

li

temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tiġi estiża għall-Ftehim ŻEE biex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010[1].

(2) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 377/2014 jibdew mill-1 ta' Jannar 2014 anke jekk din id-Deċiżjoni tiġi adottata, jew jekk it-twettiq tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, jiġi nnotifikat wara l-10 ta' Lulju 2014.

(3) Entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA għandhom ikunu intitolati biex jipparteċipaw f'attivitajiet li jibdew qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. L-ispejjeż imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE sakemm din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata.

(4) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2014.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-paragrafu li jmiss jiddaħħal wara l-paragrafu 8c fl-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE:

'8d. (a) Mill-1 ta' Jannar 2014, l-Istati tal-EFTA jipparteċipaw fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-Att tal-Unjoni li ġej:

- **32014 R 0377**: Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u

[1] ĠU L 122, 24.4.2014, p. 44.

li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 44).

(b) L-Istati tal-EFTA jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet msemmijin taħt (a) skont l-Artikolu 82(1)(a) tal-Protokoll 32 tal-Ftehim.

(c) L-ispejjeż imġarrba għal attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mill-bidu tal-azzjoni taħt il-ftehim tal-għotja jew id-deċiżjoni tal-għotja kkonċernati sakemm id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/2014 tal-… tidħol fis-seħħ qabel tmiem l-azzjoni.

(d) L-Istati tal-EFTA jipparteċipaw b'mod sħiħ, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-kumitati kollha tal-Unjoni li jgħinu lill-Kummissjoni Ewropea fil-ġestjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija f'(a).

(e) Dan il-paragrafu ma japplikax għan-Norveġja u l-Liechtenstein.'

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Huwa japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.]